MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 96/2008

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M.(IMLI)**

**Avviz Nru 96/2008 FDP**
**Fl-ismijiet:**

**Dr Angelo Farrugia**
**(62256M)**

**vs**

**Public Broadcasting Services Limited**

**u**
**Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista**

## Il-Qorti

Rat l-avvizipprezentat mir-rikorrent kontra il-Public Broadcasting Services Limited u is-Segretarju Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista fil-25 ta' Frar 2008 fejn talab (sic), jigu kkundannati, prevja dikjarazzjoni tal-Qorti illi l-allegazzjonijiet imxandra mill-konvenuti intimati fuq 'spot' televisiv mtella' mill-Partit Nazzjonalista u mxandar fuq l-istazzjoni TVM fit-22 ta' Frar 2008 ghall-habta ta’ l-ghaxra ta' filghaxija, ftit minuti qabel il-programm 'Xarabank', fejn fl-imsemmi spot politiku l-attur rikorrenti gie assocjat ma' attivita' kriminali li kienu saru fil-Korp tal-Pulizija, liema xandira hija malafamanti u libelluza fil-konfront ta’ l-attur rikorrenti u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

Rat ir-risposta tal-Public Broadcasting Services Limited ipprezentata fl-4 ta' April 2008 fejn laqghu ghall-akkuzi migjuba billi eccepew is-segwenti:-

1. Illi ghandu jigi mistharreg jekk humiex il-legittimi kontraditturi f'dawn il-proceduri stante illi huma kienu qed jagixxu fl-isfond ta' dak pprovdut mill-Artikolu 13(4) u (5) tal-Kap 350, u dan fuq direzzjoni tal-Awtorita' tax-Xandir illi ghalhekk, se mai, ghandha tirrispondi ghal-lanjanzi tar-rikorrent;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-kuntest ta' dak suespost, anke jekk ghandhom xi responsabbilta', din ghandha tigi mitigata peress illi f' progammi bhal dak li dwaru qed jilmenta r-rikorrent, l-esponent ma ghandhomx kontrol editorjali;

3. Illi, minghajr pregudizzju, il-pubblikazzjoni de quo mhijiex malafamanti;

Rat ir-risposta tal-Partit Nazzjonalista ipprezentata fil-21 ta' April 2008 fejn laqghu ghall-akkuzi migjuba billi eccepew is-segwenti:-

1. Preliminarjament, in-nullita' tar-rikors promotorju billi:-
A. Ma tesistix il-kariga ta' 'Segretarju ezekuttiv fil-Partit Nazzjonalista
B. Ma gietx imharrka persuna partikolari kif jezigu l-Artikolu 171 (1) u 174 (b) tal-Kap 12 u "kariga" tista titharrek biss f'dawk il-kazi spcifici msemmija fl-Artikolu 181 tal-Kap 12, li ma japplikawz ghall-kaz in kwistjoni;

2. Fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-ispot in kwistjoni jammonta ghall 'fair comment' dwar fatti sostanzjalment korretti.

Rat illi fl-14 ta' Mejju 2008, in vista ta' l-ewwel eccezzjoni preliminari, l-kelma "Ezekuttiv" giet sostitwita bil-kelma "Generali".

Rat ir-risposta tas-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista illi laqgha ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu billi eccepixxa:-

1. Preliminarjament in-nullita' tar-rikors promotorju (almenu f'dak li jirrigwarda t-tieni konvenut):-

(a) Ma gietx imharrka persuna partikolari kif jezigu l-Artikolu 171 (1) u 174 (b) tal- Kap 12 u "kariga" tista titharrek biss f'dawk il-kazi specifici msemmija fl-Artikolu 181 tal-Kap 12, li ma japplikawx ghall-kaz in kwistjoni.

(b) billi ma hemm ebda talba fir-rikors promotorju;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-esponenti ma xandar ebda spot fuq it-televizjoni la fid-data in kwistjoni u anqas f'data ohra;

3. Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-ispot in kwistjoni jammonta ghall- 'fair comment' dwar fatti sostanzjalment korretti u ta' interess pubbliku.

Rat ix-xhieda ta' Dr Kevin Aquilina moghtija fl-20 ta' Mejju 2009 illi stqarr li bejn Jannar 1999 u Frar 2009 huwa kien Kap Ezekuttiv ta’ l-Awtorita' tax-Xandir. Huwa ikkonferma illi fit-23 ta' Awissu 2008 kien kitiblu r-rikorrent jilmenta dwar spot politiku illi kien ixxandar fl-iskema ta' xandriet politici taht l-awspici ta' l-Awtorita tax-xandir, u kien imxandar minn naha tal-Partit Nazzjonalista. Huwa stqarr illi dana kien spot wiehed u kien informa lir-rikorrent permezz ta' ittra illi dina x-xandira ma kienex ser terggha tintwera peress illi l-Partit Nazzjonalista kellu spot wiehed biss.

Rat ix-xhieda tar-rikorrent illi inghatat fit-2 ta' Novembru 2010 u fid-9 ta' Frar 2011 fejn stqarr illi fit-22 ta' Frar 2008, granet qabel l-elezzjoni, kien gie trasmess spot politiku qabel il-programm Xarabank fejn kien hemm ritratt tieghu u ntqal illi huwa kien ghamel diversi snin fil-korp tal-Pulizija taht il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iz-zmien Lawrence Pullicino meta kien sar tortura. Huwa stqarr li hass ruhu malafamat peress illi kien il-Gvern Nazzjonalista illi qabbdu sabiex jinvestiga l-kaz ta' tortura meta telgha fil-gvern fl-1987 u mexxa il-proceduri huwa stess. Dana, r-rikorrent stqarr, kienet indikazzjoni li kienet stqarrija malafamanti dik li saret fl-ispot pubblicitarja.

Rat ili fis-seduta tad-9 ta' Frar 2001, r-rikorrent iddikjara illi ma kienx fadallu aktar provi x'jipprezenta.

Rat illi fis-seduta ta’ l-24 ta' Ottubru 2011, l-intimat is-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista talab illi tinghata sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tieghu.

Rat illi fit-30 ta' Jannar 2012, il-partijiet qablu illi ma kienx hemm il-htiega ta' nota ta' sottomissjonijiet u l-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza preliminari fuq il-provi li kien hemm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-eccezzjoni preliminari illi ghandha tigi meqjusa mill-Qorti f'din id-decizjoni hija dik ipprezentata mis-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista fid-9 ta' Gunju 2008, peress illi dik ipprezentata mill-Partit Nazzjonalista fil-21 ta' April 2008 giet sorvolata bil-korrezzjoni fl-okkju illi sar mir-rikorrent fl-14 ta' Mejju 2008.

Illi tali eccezzjoni tipprovdi zewg eccezzjonijiet preliminari. L-ewwel eccezzjoni hija fis-sens illi ma gietx imharrka persuna partikolari kif jezigu l-Artikolu 171 (1) u 174 (b) tal- Kap 12 u "kariga" tista titharrek biss f'dawk il-kazi specifici msemmija fl-Artikolu 181 tal-Kap 12, li ma japplikawx ghall-kaz in kwistjoni. It-tieni eccezzjoni hija fis-sens illi ma hemm ebda talba fir-rikors promotorju.

Illi l-artikolu 171 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi :-

*Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, jitmexxa bil-mod ta' rikors li jkun skont l-għamla preskritta u jsir fl-għamla ta' avviż sempliċi ffirmat mir-Reġistratur, li jkun fih l-isem u l-kunjom ta' l-attur u tal-konvenut, it-talba ta' l-attur, u l-jum u l-ħin meta l-konvenut għandu jidher, minbarra partikolaritajiet oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu preskritti.*

Mill-banda l-ohra, l-artikolu 174 (b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi kull skrittura ghandu jkollha:-

*L-isem u l-kunjom tal-parti li tidher u tal-parti li kontra tagħha l-iskrittura ssir, u, meta hu l-każ, l-isem li fih jidhru l-partijiet:*

*Iżda f'kull każ imsemmi fis-subartikolu (1) tal-artikolu 181 ikunu biżżejjed li tissemma' l-kariga tal-parti li tippreżenta jew li kontra tagħha tiġi ppreżentata l-iskrittura, skont il-każ;*

Finalment, is-subartikolu (1) tal-artikolu 181 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi:-

*Meta skrittura għandha tiġi ppreżentata mill-Prim Ministru jew minn Ministru ieħor, minn kap ta' dipartiment jew minn amministratur pubbliku ieħor, ikun biżżejjed jekk tkun imsemmija f'dik l-iskrittura l-kariga tal-persuna li tkun qiegħda tippreżentaha u ma jkunx meħtieġ li tissemma l-persuna li f'dak iż-żmien ikollha dik il-kariga*

Illi, ghalhekk, jirrizulta illi fl-avviz ghandu jkun hemm, ta' bilfors isem u kunjom il-partijiet, fosthom il-konvenut. Dana naturalment jestendi wkoll ghall-ismijiet ta' persuni guridici bhalma huma kumpanniji u partnerships, bhalma, fil-kaz in kwistjoni, hija l-intimata Public Broadcasting Services Limited.

Jirrizulta, izda, li l-ligi tipprovdi ghall-eccezzjoni ghal tali regola, u dina hija dik ikkontemplata fl-artikolu 181 (1), fejn il-kariga ta' tali persuna hija sufficjenti ghall-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta fil-kaz in ezami, illi r-rikorrent harrek lis-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista, minghajr ma' ta ebda indikazzjoni ta' min hija tali persuna kif trid il-Ligi.
Illi ma huwiex ikkontestat illi l-kariga ta' Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista ma huwiex wiehed mill-karigi kkontemplati fl-artikolu 181 (1), b'mod illi r-rikorrent kellu bil-fors jindika isem u kunjom tal-konvenut, l-htiega ta' liema dettalji huma mandatorji peress illi l-Ligi tghid

"Kull skrittura ghandu jkun fiha ..."

Illi l-Qorti tinnota illi d-dritt moghti lilha a tenur ta’ l-Artikolu 175 tal-Kap 12 ma jistax jigi adoperat mill-Qorti peress illi r-rikorrent qatt ma talab illi d-dettalji jigu mizjuda ma’ l-avviz promotur sabiex tigi ssanata tali nuqqas, izda talab biss, fl-14 ta' Mejju 2008, illi l-kliem "Segretarju Ezekuttiv tal-Partit Nazzjonalista" jinbidlu bil-kliem "Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista", b'mod illi l-eccezzjoni imressqa mill-intimat Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista ma giex issanat.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-eccezzjoni preliminari imressqa mis-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista, tghaddi u tiddeciedi billi tilqa' tali eccezzjoni u tillibera mill-osservanza tal-gudizzju is-Segretarju Generali tal-Partit Nazzjonalista.

Il-Qorti tordna illi l-kawza titkompla fil-konfront tal-Public Broadcasting Services Limited u tiddiferixxi l-kawza ghall provi kollha taghha.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------